MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 329/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**

**Vs**
Michael Cutajar

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 t'April, 2006, ghall-habta tas-6.50 p.m. fl-inhawi ta' l-Armier ,**
**1) kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huwa projbiti taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tal-A.L. 79/2006 art. 4(e);**
**2) talli sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**(Mag. Dr. A.J. Vella LL.D) datata 8 ta’ Novembru, 2004, liema sentenza hi definittiva w ma’ tistax tigi mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 t' Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 49 u 50, u r-regolament A.L. 79/2006 Art. 4(e), sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta w kkundannatu ghal tlett mitt lira Maltin (LM300) multa, kif ukoll ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tal-kacca ghall-perjodu ta’ sena.
Il-Qorti ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti formalment, filwaqt li spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-24 t’ Ottubru, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tannulla w tirrevoka s-sentenza fl-intier taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-istess imputazzjonijiet kontrih migjuba, w tilliberah minn kull imputazzjoni w kundanna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe’:- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat kemm tar-rekwiziti tal-Ligi kif ukoll tal-fatti. Ghandu jinghad li l-Ligi (A.L. 79/2006 art. 4E) tistipula li l-ebda persuna m’ghandha …… izzomm lil xi ghasfur …… hlief skond id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti.

Evidentement il-prosekuzzjoni sabiex tipprova l-kaz taghha kellha ggib prova li kien l-akkuzat li kien qed izomm l-ghasfur, prova li mhux biss ma ngabitx talli l-provi kemm fattwali kif ukoll cirkostanzjali jindikaw l-innocenza tieghu.

Jidher car li l-Qorti invertiet l-prezunzjoni tal-innocenza ghal wahda ta’ htija sakemm ma tingiebx prova kuntrarja.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal;-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkondsidrat;**

**Illi mix-xhieda mismugha llum u cioe' ta' PS 1033 Sandro Mangion, PC 803 Leonard Formosa, PC 305 Alfred Gauci u Stanley Gatt, jirrizulta abbondantement u minghajr l-icken prova kontrarja illi fit-22 t'April, 2006 ghall-habta tas-6.50 p.m. fl-inhawi tal-Armier, l-appellant kien fil-pussess ta' tajra projbita w protetta w cioe' "short eared owl" – kokka tax-xaghri li hija inkluza bhala tali fl-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 79/2006 u ghalhekk l-akkuza tirrizulta pruvata bl-icken dubju w minghajr ma ngabet prova kontrarja.**

**Di fatti din it-tajra instabet fil-freezer tal-fridge ta' garage li kien jaghmel minnu l-appellant li mal-ufficjali tal-Pulizija assuma r-responsabilita ghall-pussess tal-istess kokka u iffirma r-ricevuta li tawh il-Pulizija meta elevawha.**

**Lanqas ma jirrizulta li 'a tempo vergine' l-appellant kien b'xi mod allega li t-tajra mejta ma kienitx tieghu imma li kienet tappartjeni lil xi hadd iehor.**

**Ma ngabet ebda prova kuntraja u lanqas l-istess appellant ma xehed quddiem l-Ewwel Qorti.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata w wara li rat l-Artikolu 429 tal-Kodici Kriminali, tiddikjara dan l-appell fieragh u tikkundannah mitt lira Maltija (LM100) ammenda oltre il-multa li diga' wehel.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------